2.
13.2

P. PAWL TABONE O. F. M.
*J. Can. et Th. Mor. Lect. Glis.*

# IL-VIJA SAGRA

MALTA 1937

GIOV. MUSCAT
213, Strada Sant'Ursola — VALLETTA.

P. PAWL TABONE O. F. M.

*J. Can. et Th. Mor. Lect. Glis.*

# IL-VIJA SAGRA

MALTA 1937

GIOV. MUSCAT

213, Strada Sant'Ursola — VALLETTA.

IMPRIMI POTEST
Vallettae, die 11 Nov. 1936
FR. BERARDUS TABONE O.F.M.
*Min. Plis.*

NIHIL OBSTAT
Datum Melitae, die 13 Nov. 1936
FR. ANT. M. TONNA BARTHET, O.S.A.
*Cens. Theol.*

IMPRIMATUR
Datum in Curia Epali. Melit.
Die 14 Nov. 1936
Can. P. GALEA
*Vic. Gen. et Locumtenens.*

*COPYRIGHT 1937*

LIL HABIBI

HABIB IL-*MALTI*

DUN KARM FARRUGIA D. D.

IL-KAPPELLAN

TA'

L-ISQOF TAGHNA

# KELMTEJN TA' QABEL.

---

Dan ix-xogħol ċkejken tal - "Vija Sagra" diġa deher darb' oħra f'*Leħen is-Sewwa* tal-1931 (Ara n. 134-135). Imma, wara għaxar xhur sewwa, il-Papa Piju XI għoġbu joħroġ digriet li bih qalilna liema huma l-Indulġenzi tal-Vija Sagra, ħaġa li qabel ma kenitx magħrufa sewwa. Wara sen' oħra, l-istess Papa ħareġ digriet ieħor li bih naqqas ħafna s-setgħa ta' min kien jista' jagħti l-Indulġenzi jew iwaqqaf il-Vija Sagra.

Dan kien, mela, li ġagħalni narġa' nikteb fuq il-Vija Sagra, sabiex ingħid u nuri kif inhuma l-ħwejjeġ sewwa. U, ġaladarba din hi ħaġa ta' ħtieġa mhux żgħira--għal l-inqas sabiex wieħed ma jitlifx l-Indulġenzi--minflok *artiklu* ieħor, jiena sawwart dan il-ktieb ċkejken, għax, hekk, iktar jista' jiġi fl-idejn. Ma qagħadx niġbed fit-tul ħafna biex ma ndejjaqx. Fl-aħħar żidt xi ħag'oħra wkoll, sabiex il-ktejjeb, kemm jista', xejn ma jkun jonqsu f'dak li jmiss il-Vija Sagra.

Nhar l-Istrina, 1937.
P. Pawl Tabone O.F.M.

# IL-VIJA SAGRA.

Il-Vija Sagra, illi l-insara t-tajba jagħmlu ta' sikwit fil-knejjes tagħna, mhix ħaġ'oħra ħlief xbieha jew reġgħa ta' dik il-mixja qalila li Ġesù għamel dak in-nhar tal-Passjoni ħarxa tiegħu mid-dar ta' Pilatu sa fuq il-għolja tal-Kalvarju. Mela kulħadd jara kemm hi ħaġa sabiħa, għażiża u qaddisa l-Vija Sagra u għalhekk, ħafna Papiet marru jogħnuha b'indulġenzi mill-ikbar. Issa sabiex kull wieħed minnha jifhem aħjar xi tkun din il-Vija Sagra u x'hemm bżonn għar-rebħ ta' l-indulġenzi, immorru naraw, għalkemm fil-qosor, dawn il-punti li ġejjin. Nibdew billi nistaqsu :

## I. Kif bdiet il-Vija Sagra ?

Meta Marija Santissma semgħet li binha l-maħbub ġiè ikkundannat għall-mewt, b'qalbha miksura u bid-dmugħ f'għajnejha, ħalliet dlonk iż-żgħira u fqajra dar tagħha u telqet tfittex lil Ġesù. Wara li ġriet u daret nofs il-belt ta' Ġerusalemm, f'daqqa waħda lemħitu ġej imgħobbi bil-għuda ħarxa tas-Salib. Minn dak il-ħin Marija ma tbegħditx iżjed minn Binha, imma, bil-qajla l-qajla, kompliet miexja wara l-passi tiegħu sa fuq il-Kalvarju fejn ġiè arbulat imsallab. Marija, imbagħad, wara l-mewt u d-difna ta' Ġesù, kienet tmur ta' sikwit f'dik it-trieq imqaddsa taħseb u tarġa' taħseb fuq kull taqtira demm li kienet għadha tħammar. Ma' Marija, fil-bidu, bdew jingħaqdu l-erwieħ it-tajba ta' Ġerusalemm, sa kemm, bil-mod il-mod, bdew ġejjin qtajja' qtajja' u mhux biss mill-ibgħad bliet tal-Palestina, imma tad-dinja nisranija.

Din il-ħaġa ngħoġbot tant mill-Knisja, Għarusa ta' Ġesù, illi l-Papiet marru jagħtu indulġenzi mill-akbar lil dawk kollha li kienu jmorru jżuru l-Art imqaddsa ta' Ġerusalemm u l-iktar lil dawk li kienu jżuru dik it-trieq li minnha Ġesù

għadda mgħobbi bis-Salib. Iżda, billi mhux kulħadd seta' jmur iżur il-pajjiżi ta' Ġesù, il-Patrijiet ta' l-Ordni tal-Minuri (1) li, mis-seklu erbatax kienu dejjem huma l-għarriesa qalbenin ta' l-iktar postijiet egħżież ta' l-Art Imqaddsa, talbu u qalgħu minn għand il-Papa li jwaqqfu l-istazzjonijiet tal-Vija Sagra fil-Knejjes ta' l-Ordni tagħhom bl-istess indulġenzi li kienu mogħtijin lit-trieq Imqaddsa ta' Ġerusalemm. Wara xi żmien l-istess Patrijiet Minuri reġgħu talbu lill-Papa Klement XII sabiex jogħġbu jagħtihom is-setgħa li jkunu jistgħu jwaqqfu l-Vija Sagra fil-knejjes l-oħra wkoll li mhumiex tagħhom. L-imsemmi Papa, għax-xogħol u l-mertu tal-Minuri, laqa' bil-ferħ it-talba tagħhom u ħekk, mis-sena 1731 il-Vija Sagra bdiet issir fil-knejjes kollha bl-istess rebħa ta' l-indulġenzi tat-Trieq Imqaddsa ta' Ġerusalemm (2).

L-iktar wieħed li xerred din il-Vija Sagra qalb l-insara kien il-Qaddis Leonardu minn Portu Mawrizju, tal-Patrijiet Minuri. Bħala missjunarju kbir li ġera l-Italja kollha waqqaf 572 Vija Sagra u tant kienet għal qalbu din id-devozzjoni li fil-1750 qala' minn għand il-Papa Beneditt XIV li jwaqqaf il-Vija Sagra ġewwa l-Kolossew ta' Ruma.

## 2. Min jista' jwaqqaf il-Vija Sagra?

Skond ir-rieda ta' ħafna Papiet (3), għar-raġunijiet li semmejna qabel, is-Superjuri tal-Patrijiet Minuri *biss* jistgħu jwaqqfu l-Vija Sagra. Imbagħad hemm ukoll xi Saċerdoti oħra li għandhom din is-setgħa jew mill-*Kodiċi* tal-Knisja, jew minn *Ruma* jew ukoll mill-istess *Superjuri* ta' l-Ordni. Mill-*Kodiċi*, sewwa l-Kardinali kemm ukoll l-Isqfijiet jistgħu

(1) Taħt l-isem ta' *Patrijiet Minuri* jaqgħu dawk biss l-ulied ta' San Franġisk li ġew maqgħudin mill-Papa Lijuni XIII u li hawn fil-gżejjer tagħna nsejħulhom *ta' Ġieżu*. Għalhekk f'din il-ħaġa ma għandhomx x'jaqsmu u la l-Patrijiet li jissejħu *Minuri Konventwali* u lanqas dawk l-oħrajn li nsibuhom bl-isem ta' *Kappuċċini*. Ara ANTONIANUM, I, p. 452.

(2) ANTON.. I, p. 451.

(3) Ara l-Bolla *Inter plurima* tat-3 ta' Marzu 1726 tal-Papa Beneditt XIII; il-Brevi *Exponi nobis* tas-16 ta' Jannar 1731 ta' Klement XII; il-Brevi *Cum tanta* tat-30 ta' Awissu 1741 ta' Beneditt XIV; id-Digriet *Urbis et Orbis* tal-14 ta' Mejju 1871 ta' Piju IX.

jwaqqfu l-Vija Sagra mhux biss fid-Dijoċesi tagħhom, imma kull fejn ikunu, b'din id-divrenzja li l-Kardinali jistgħu jbirkuha b'salib wieħed, mingħajr ebda forma ta' kliem, fil-waqt li l-Isqfijiet jeħtieġ ibirkuha skond ir-rit mogħti mill-Knisja li fuqu nitkellmu iżjed il quddiem (1).

Din is-setgħa mogħtija mill-*Kodiċi* hi *Privileġġ;* għal-hekk u la l-Kardinali u lanqas l-Isqfijiet ma jistgħu jagħtuha lil ħaddieħor minflokghom, jekk għall-inqas, ma jkollhomx *Indult* speċjali minn Ruma li jagħtihom din is-setgħa (2). ✗

Il-*Legati* jew *Mibgħutin* tal-Papa, min-numru 27 tas-setgħat tagħhom, għandhom li jistgħu jwaqqfu l-Vija Sagra u jistgħu wkoll jagħtu din is-setgħa lil ħaddieħor basta, imma, ħemmhekk ma jkunux jinsabu l-Patrijiet Minuri (3).

Il-Vigarji u s-Superjuri tal-missjonijiet jistgħu jwaqqfu wkoll il-Vija Sagra (4).

Wara talba li kienet saret lill-Papa Piju IX, il-Patrijiet Provinċjali tal-Kappuċċini għandhom il-*privileġġ* li jwaqqfu l-Vija Sagra fil-knejjes u fl-oratorji tal-provinċji tagħhom. Din is-setgħa l-Provinċjali jistgħu jagħtuha wkoll lill-Gwardjani tagħhom (5).

Kull qassis u Patri ieħor jista' jaqla' din is-setgħa minn Ruma (6), basta imma li t-talba tkun mogħnija bir-rikmandazzjoni ta' l-Isqof jew Provinċjal. Kull qassis imbagħad ikun fid-dmir juri l-*Indult* li jaqla' lill-Isqof tiegħu, avvolja dan ma jkunx miktub fl-*Indult*. Imma jekk ma jiġix muri lill-Isqof, l-*Indult* jibqa' jiswa (7). Il-Patrijiet mhumiex miżmumin juru dan l-*Indult* lill-Isqof (8).

(1) Ara l-Liġi 239 § I, n. 6 u 349 § I, n. 1.
(2) A.A.S. XI, 1919, p. 332; ANTONIANUM I, p. 456. ✗
(3) VERMEERSCH : *Periodica*, XII, 1924 (97)
(4) Ara *Formulae Facultatum, II, minor, n. 21 u III, minor, n. 31.*
(5) ANTON. I. p. 463.
(6) Fl-aħħar paġna ssib l-ittra li għandek tikteb.
(7) Ara *Decreta authentica S. C. de indulgentiis sacrisque reliquiis etc.* Ratisbonae 1880, n. 286 ad 2.
(8) *Decr. auth.* n. 175.

✗ Mogħtija lil[illegible] fil-"Pastorali [illegible]" [illegible] 3/[illegible]/1963 - P. 7, 1964, p. 8, n. 30.

Semmejna wkoll lis-*Superjuri* ta' l-Oidni: mela mhux biss il-Patri Ġeneral u l-Provinċjal, imma l-Gwardjani wkoll, il-Presidenti, il-Vigarji tagħhom, meta dawk jonqsu, jistgħu jwaqqfu l-Vija Sagra. Mhux biss, imma saħansitra d-Diskreti tal-Kunvent, wieħed wara l-ieħor, skond il-kobor tagħhom, imma biss meta jonqsu dawk li semmejna ftit qabel (1). Il-Patrijiet l-oħra, avvolja jkollhom xi titli għoljin jew jinzertaw l-iktar xjuħ fil-Kunvent, ma jistgħux iwaqqfu l-Vija Sagra minn jeddhom (2).

Dawn is-Superjuri li semmejna jistgħu jagħtu din is-setgħa lil dawk biss li huma tagħhom, jiġifieri lill-Patrijiet ta' l-Ordni u mhux lill-barranin bħalma qabel (3); u lanqas jistgħu jagħtuha lill-Patrijiet tagħhom kif ġieb ul aħaq, il-għaliex jeħtieġ (4) li dawn is-Saċerdoti jkunu jew *Predikaturi* jew, għall-inqas, *Konfessuri* mgħoddijin mill-Isqof (5).

Kull setgħa mbagħad jeħtieġ li tiġi mogħtija *bil-miktub* inkella xejn ma tiswa (6). Jeħtieġ ukoll li kull darba li titwaqqaf il-Vija Sagra, ikun hemm il-permess ta' l-Isqof u dan *bil-miktub* ukoll. *Jixraq* imbagħad il-permess tal-Kappellan tal-post, għalkemm mhux meħtieġ, basta imma l-Vija Sagra ma tkunx sejra titwaqqaf f'xi post li jagħmel minnu l-Kappellan, ngħidu aħna f'xi knisja tiegħu, inkella jkun jeħtieġ il-permess tiegħu bil-miktub, bħalma jeħtieġ il-permess bil-miktub minn kull Superjur tal-post li fih sa titwaqqaf il-Vija Sagra (7).

Biss il-permess ta' l-Isqof ma jkunx meħtieġ kull meta l-Patrijiet Minuri jwaqqfu l-Vija Sagra f'dawk il-postijiet li jagħmlu minnhom huma, jew aħjar, li jkunu tagħhom (8).

---

(1) Ara *Cost. Gles. Ord. Min.* 1922. nn. 579. 581.

(2) *Antonianum* I, p. 452.

(3) Ara d-digriet. *Consilium suum persequens* ta' l-20 ta' Marzu 1933. (Ara: A.O.M., 1933, p. 126),

(4) Bil-kelma *jeħtieġ* u *meħtieġ* nifhmu ngħidu ħaġa li mingħajrha l-Vija Sagra ma tkunx tiswa.

(5) *Decr. Auth.* n. 100, mon. 2.-Ara wkoll *Antonian.* I, p. 453.

(6) *Decr. Auth.* n. 175.

(7) *Decr. Auth*, n. 175

(8) *Act. Ord. Min.*, XI, p. 183 ad IX,

Fil-*Kappelli* jew *Oratorji privati* hu biżżejjed il-permess ta' l-Isqof, dak tal-Kappellan mhux meħtieġ (1).

## 3. Fejn tista' titwaqqaf il-Vija Sagra?

Il-Vija Sagra tista' titwaqqaf f'kull knisja, f'kull oratorju pubbliku u privat li fih tingħad il-quddiesa, f'kull kappella jew post ieħor xieraq u kommuni fil-Kunventi, fil-Kulleġġi, fl-Isptarijiet, fis-Seminarji, fiċ-Ċimiterji u x'naf jien. U minflok waħda, għall-kumdità tan-nies, jistgħu jitwaqqfu żewġ Viji Sagri, ngħidu aħna, waħda għall-irġiel u l-oħra għan-nisa, inkella waħda fil-kor u l-oħra fil-knisja. Il-Vija Sagra tista' tiġi mwaqqfa fil-beraħ ukoll, bħalma naraw fl-Italja u bnadijiet oħra; imma sabiex il-Vija Sagra tiġi mwaqqfa fil-Kappelli jew kmamar oħra privati, jeħtieġ l-*indult* minn Ruma (2). Dan l-*indult* imbagħad jispiċċa, meta tispiċċa dik il-persuna jew persuni li lilhom ikun ġie mogħti. Fil-kmamar ta' rqad ma tistax tiġi mwaqqfa (3)

## 4. Kif għandha titwaqqaf il-Vija Sagra?

It-twaqqif tal-Vija Sagra għandu jsir skond ir-rit miġjub fir-*Ritwal Ruman* (4). Mela nwissu a) illi jeħtieġ li jitbierku l-erbatax-il-salib li, skond l-użu, għandhom ikunu tal-għuda u li, imbagħad, dawn is-slaleb għandhom ikunu mingħajr kurċifiss u jiġu mqegħdin fuq, f'nofs l-inkwatru; b) mhux meħtieġ li jitbierku l-erbatax-il-santa li, k'jista' jkun, issir tat-tila, għalkemm jixraq li jitbierku; c) it-tberik tas-slaleb jeħtieġ li jsir dejjem f'dak il-post li fih sa tiġi mwaqqfa l-Vija Sagra; d) it-twaħħil tas-slaleb u tas-santi jista' jsir minn kulħadd u mingħajr ebda ċeremonja u avvolja mhux dak-in-nhar tat-tberik; e) bejn stazzjon u ieħor għandu jitħalla ftit tal-wisa', għalkemm dan mhux meħtieġ ta' bilfors;

(1) *Act. Ord. Min.* XI, p. 183, ad VI.

(2) Min ikun qala' l-*indult* sabiex iwaqqaf il-Vija Sagra f'xi post, meta dan jitbiddel, ma jkunx meħtieġ *indult* ġdid, imma twaqqif ġdid tal-Vija Sagra.

(3) Ara PERFICE MUNUS, 1928, p. 18.

(4) *Ritus erigendi Stationes Viae Crucis.*

f) wara kollox għandha titħalla tifkira bil-miktub u tiġi merfugħa fl-Arkivju.

Hawn nagħarfu wkoll illi t-twaqqif tas-Santi jista' jibda minn kull naħa ta' l-altar il-kbir; fuq hekk mhemm l-ebda liġi. Jixraq imma li Ġesù, fil-qagħda tas-santi, ikun jidher miexi 'l quddiem u mhux lura. Il-lum, l-iktar santi (taż-żejt) infittxijin għall-Vija Sagra, huma dawk tal-MORGARI li jibdew jitqiegħdu min-naħa ta' l-*Epistla*, jew biex niftiehmu, min-naħa tal-lemin ta' min iħares lejn l-Altar il-kbir minn quddiem (1).

## 5. Liema huma l-Indulġenzi mogħtijin lill-Vija Sagra?

Skond id-Digriet tal-Papa Beneditt XIII, dawk l-istess indulġenzi li kienu mogħtijin lill-insara li kienu jmorru jżuru u jgħaddu mit-Trieq imqaddsa ta' Ġerusalemm, kienu ġew mogħtijin lill-Vija Sagra li ssir barra l-Belt imqaddsa. Imma liema kienu u kemm kienu dawn l-indulġenzi, ħadd ma kien jaf sewwa, il-għaliex l-ewwel dokumenti jew intilfu jew inħarqu. Għalhekk il-Papa Piju XI, li Alla jżommu jsaltan għal ħafna snin, sabiex ineħħi kull dubju, wara li neħħa kull indulġenza mogħtija qablu, b'Digriet ta' l-20 ta' Ottubru ta' l-1931 għoġbu jagħti dawn l-Indulġenzi li ġejjin:

a) indulġenza *plenarja* kull darba li ssir il-Vija Sagra sħiħa;

b) indulġenza *plenarja* oħra jekk dak li jkun jersaq jitqarben dak-in-nhar li jagħmel il-Vija Sagra, jew ukoll, jekk jitqarben fi żmien xahar wara li jkun għamel għaxar darbiet il-Vija Sagra;

c) indulġenza *parzjali* ta' għaxar snin u għaxar erbgħinijiet għal kull Stazzjon jekk, għal xi ħtieġa, il-Vija Sagra mibdija ma setgħetx titkompla (2).

Minn dan jidher li wieħed jista' jaqla' dawn l-Indulġenzi iktar minn darba kuljum u li jista' jaqlagħhom jew għalih innifsu jew għal l-erwieħ tal-Purgatorju. Jidher ukoll li ħafna minn dawn l-Indulġenzi jistgħu jintrebħu f'kull ħin tal-jum.

---

(1) PERFICE M. 1930, p. 735.
(2) A.A.S. XXIII, 1931, p. 522.

## 6. Kif il-Vija Sagra mwaqqfa titlef il-qawwa tagħha?

Il-Vija Sagra titlef il-qawwa tagħha u għalhekk jeħtieġ li targa' titbierek għar-rebħa ta' l-Indulġenzi: a) meta l-post li fih ġiet imwaqqfa jitbiddel għal kollox; hekk biex niftiehmu, jekk minn ġewwa knisja tittieħed f'oħra (1), jew ukoll jekk tiġġarraf il-knisja u l-ġdida tinbena band'oħra jew taħt titlu ieħor (2); b) meta jitbiddlu l-biċċa l-kbira tas-slaleb li jkunu mberkin (3).

Minn dan li għedna wieħed għandu jifhem li mhemmx bżonn li targa' titbierek il-Vija Sagra: a) jekk is-slaleb jinqalgħu għal xi ftit taż-żmien-għal xahar ukoll-biex imbagħad jerġgħu jitqiegħdu f'posthom (4); b) jekk jitbiddel il-post ta' xi slaleb (5); jekk jitbiddel il-post tas-slaleb kollha, imma basta jerġgħu jitqiegħdu fl-istess lok fejn ġew imberkin, ngħidu aħna fl-istess knisja jew Kappella (6); d) jekk jitbiddlu mqar kollha kemm huma l-inkwatri tal-Vija Sagra u minn flokhom jitqiegħdu oħra ġodda, il-għaliex l-indulġenzi jingħataw lis-slaleb u mhux lis-santi (7); e) jekk ma jitbiddlux iżjed minn sitt slaleb mill-imberkin. Mela jekk jitbiddlu mqar sebgħa, il-Vija Sagra titlef il-qawwa tagħha (8).

## 7. Kif għandha ssir il-Vija Sagra sabiex jintrebħu l-Indulġenzi?

Sabiex jintrebħu l-Indulġenzi jeħtieġu tliet ħwejjeġ: l-ewwelnett jeħtieġ li wieħed *ibiddel* postu minn stazzjon għal l-ieħor; it-tieni li f'kull stazzjon joqgħod *jaħseb* xi ftit fuq il-ħarxa Passjoni tal-Feddej tagħna Ġesù Kristu; it-tielet illi l-erbatax-il-stazzjon isiru wieħed wara l-ieħor bla ma jkun hemm qatgħa twila bejniethom.

(1) *Decr. Auth.* n. 270.
(2) „ „ 323.
(3) „ „ 328.
(4) „ „ n. 275.
(5) „ „ 258.
(6) „ „ 311 u 328.
(7) „ „ 275
(8) PERFICE M. 1928, p. 201.

Mela jeħtieġ il-*mixi* : iżda dan hu meħtieġ meta l-Vija Sagra ssir minn wieħed waħdu jew ukoll minn ħafna f'daqqa iżda bħala *funzjoni privata* (1). Imma jekk ikun hemm id-dieq, huwa biżżejjed li, dak li jkun igħid l-Vija Sagra, jimxi hu biss minn Stazzjon għall-ieħor (2). Meta mbagħad il-Vija Sagra ssir bħala *funzjoni pubblika*, ingħidu aħna bħal dik li ssir f'xi knejjes f'ċertu ħin sabiex kull min ikun irid jista' jieħu sehem fiha, ikun meħtieġ li kulħadd jimxi, basta imma ma jkunx hemm biża' tat-taħbit u ta' l-istorbju. Jekk ikun hemm dan, il-Vija Sagra tista' ssir bħal ma kien jagħmilha San Leonardu minn Portu Mawrizju, jiġifieri s-Saċerdot mgħejjun minn żewġ *kierċi* jew *kanturi*, igħid u jimxi hu biss minn Stazzjon għall-ieħor, fil-waqt li l-insara, ta' kull darba, joqogħdu għar-rkuptejhom u jqumu u jwieġbu lis-Saċerdot. Mhux biss, imma jekk l-insara, għal xi raġuni jew oħra, ma jkunux jistgħu jwieġbu għat-talb tas-Saċerdot, dana, minn jeddu wkoll, jista' jitla' fuq il-pulptu jew ximkien ieħor fejn ikun jinstama', basta imma Saċerdot ieħor igħaddi minn Stazzjon għall-ieħor u jieqaf quddiem kull wieħed minnhom.

Fil-kommunitajiet tar-Reliġjużi *lajkali* u tas-Sorijiet hu biżżejjed li wieħed jew waħda minnhom tgħaddi minn Stazzjon għall-ieħor u titlob quddiem kull Stazzjon (3).

Jeħtieġ ukoll li wieħed *jaħseb*. Mela mhux meħtieġ li wieħed joqgħod *jaqra* jew *jitlob* minn Stazzjon għall-ieħor, għalkemm jixraq ħafna (4). Lanqas hu meħtieġ li wieħed joqgħod jaħseb fuq dak li jgħid jew juri dak l-Istazzjon li jkun jinsab quddiemu, imma hu biżżejjed mela jaħseb fuq il-Passjoni ta' Kristu f'kull Stazzjon li jagħmel. Lanqas hu meħtieġ dejjem il-Qrar u t-Tqarbin sabiex taqla' l-Indulġenzi li semmejna, imma hi biżżejjed qalb sogħbiena meta tkun fid-dnub il-mejjet (5).

---

(1) *Decr. Auth.* n. 287.
(2) *Analc. Eccl.*, IX, (1901), p. 81.
(3) PERFICE M., 1933, p. 844.
(4) *Decr. Auth.* n. 257 u 259.
(5) PERFICE M., 1928, p. 19.

Fl-aħħarnett hu meħtieġ li l-Vija Sagra ma *tinqatax* jew ma *tinqasamx* għal ħin twil. Mela ma tistax tagħmel biċċa minnha fil-għodu u l-biċċa l-oħra fil-għaxija; iżda qatgħa jew qasma qasira, ingħidu aħna sakemm tisma' quddiesa, tqerr jew titqarben, ma ġġegħlekx tibda mill-ġdid il-Vija Sagra (1). Imma din il-ħaġa hi meħtieġa għall-Indulġenza *plenaria* biss, il-għaliex, bħalma għedna band'oħra, kull meta l-Vija Sagra tiġi maqtugħa għal xi raġuni, tintrebaħ l-Indulġenza *parzjali*.

(1) *Decr. Auth.* n. 223.

# IL-VIJA SAGRA

## BIL-KRUĊIFISS IMBIEREK-

Billi mhux kulħadd ikun jista' jmur iżur l-Istazzjonijiet tal-Vija Sagra, il-Patrijiet Franġiskani Minuri, li minn dejjem ħabbew it-tixrid tad-devozzjoni lejn il-Passjoni ta' Ġesù Kristu, marru jitolbu lill-Papa Klement XIV sabiex ikun tant ħanin jagħti l-Indulġenza tal-Vija Sagra lil dawk kollha li ma jkunux jistgħu jmorru jagħmluha fejn tkun tinsab imwaqqfa, billi jżommu f'idejhom Kruċifiss imbierek għalhekk u jitolbu quddiemu. L-imsemmi Papa ma sab l-ebda toqol għat-talba li saritlu u, għalhekk, sa mill-bidu tas-sena 1773, l-Indulġenzi tal-Vija Sagra kienu u għadhom jistgħu jintrebħu f'kull ħin u f'kull post permezz ta' Kruċifiss imbierek.

Jaħtieġ imma li dan il-Kruċifiss, għar-rebħa ta' l-Indulġenzi, ikun bħalma sejrin ingħidu :

1. *Li jkun magħmul minn xi ħaġa li ma tkunx tista' titkisser f'malajr.* Mela, mhux kull Kruċifiss hu tajjeb għall-Indulġenzi tal-Vija Sagra. Salib waħdu mhux biżżejjed, ikun tax'ikun. Hu meħtieġ il-Kruċifiss li jista' jkun tar-ram isfar jew ta' l-injam ukoll, basta imma jkun sħiħ u jiebes u li jkun magħżul mis-Salib għalkemm ikun imwaħħal fuqu.

Mela l-anqas mhi biżżejjed ix-xbieha ta' Kristu fuq salib, jew Kristu mnaqqax fuk salib. Il-Kruċifiss imbagħad jista' jkun ta' kull daqs u, ġaladarba, l-Indulġenza tingħata lill-Kruċifiss u mhux lis-Salib, il-Kruċifiss jista' jitbiddel minn Salib għall-ieħor bla ma jitlef l-Indulġenza.

2. *Li jkun imbierek minn Saċerdot li jkollu din is-setgħa.* Mhux kul min ikollu s-setgħa li jwaqqaf il-Vija Sagra, ikollu wkoll is-setgħa li jbierek il-Kruċifiss tal-Vija Sagra u l-anqas bil-maqlub. Mela hi meħtieġa setgħa għaliha. Is-Saċerdoti li għandhom din is-setgħa huma :

a) il-Kardinali u l-Isqfijiet kollha, għalkemm *titulari* biss (1);

b) il-Vigarji u l-Prefetti tal-missjonijiet (2);

c) il-Patri Ġeneral, il-Provinċjali, il-Gwardjani tal-Minuri u l-Vigarji tagħhom, meta dawk jonqsu u l-Patrijiet l-oħra Minuri li jaqilgħu din is-setgħa minn għand il-Patri Ġeneral tagħhom;

d) dawk is-Saċerdoti l-oħra kollha li jaqilgħu din is-setgħa minn Ruma u mhux iżjed minn għand il-Ġeneral ta' l-Ordni tal-Minuri jew minn x'imkien ieħor (3). Inwissu, iżda, li min kellu din is-setgħa qabel l-ewwel ta' April ta' l-1933, kienet mnejn kienet, din is-setgħa għadha tiswa (4). Ingħarrfu wkoll li dawn il-Kruċifissi jitbierku b'sinjal wieħed ta' Salib bħalma jitbierku l-kuruni (5).

3. *Li jkun hemm xi raġuni li għaliha ma tkunx tista' tagħmel il-Vija Sagra fejn tinsab imwaqqfa.* Mhix meħtieġa raġuni daqshekk kbira li ma tħallikx titħarrek jew tasal il-knisja, bħalma jiġri, ingħidu aħna lill-morda, lill-kalzrati, lill-baħrin u baħħara u x'naf jien; imma bizżejjed kull raġuni tajba, jiġifieri li kieku kellek tmur il-knisja biex tagħmel il-Vija Sagra, ikollok iġġarrab xi deni jew ħsara jew toqol ieħor, ingħidu aħna bħal dik l-omm li, biex tmur il-knisja, tħalli 'l uliedha weħidhom.

4. *U, li fil-waqt li jinżamm il-kruċifiss fl-idejn, jingħadu quddiemu, b'qalb sogħbiena, 20 Pater noster, Ave Marija u Glorja Patri.* Mela, hu meħtieġ li l-Kruċifiss jinżamm fl-idejn meta wieħed jista'; meta, għal xi raġuni tajba, ma jistax jagħmel dan, ingħidu aħna għax ikun jaħdem jew ma jridx idejjaq lil ta' ma' ġenbu, il-Kruċifiss jista' jinżamm ħdejh, quddiemu, f'għonqu u fil-but ukoll (6).

---

(1) Ara l-Liġi 239 § I, n. 6 u 349 § I, n. I.

(2) Ara *Formulae facultatum, secunda* (*minor*), n. 21 u *tertia* (*min.*) n. 31

(3) Ara d-digriet *Consilium suum etc.*, 20 ta' Marzu 1933. Fl-aħħar faċċata ssib l-ittra li għandek tibgħat Ruma biex taqla' din is-setgħa.

(4) Rossi G.: *Facoltà e Indulgenze*; Torino, 1933, p. 30.

(5) Perfice M. VIII, 1933, p. 432.

(6) S. *Poenit.* 9 Nov. 1933.

Min minħabba l-mard, ma jkunx jista' jżomm f'idejh il-Kruċifiss, jista' jaqla' dawn l-Indulġenzi billi jbus jew iħares bil-ħniena u b'qalb sogħbiena lejn il-Kruċifiss li jiġih mogħti jew muri minn xi ħadd (1). U, meta jkunu ħafna li jagħmlu din il-Vija Sagra bil-Krucifiss, mhux meħtieġ li kull wieħed iżomm il-Kruċifiss f'idejh, imma basta li jkun hemm wieħed li jżommu f'idejh jew, bħalma għedna, ħdejh (2).

Hu meħtieġ ukoll li jingħadu, b'qalb sogħbiena, 20 il *Pater Noster, Ave Marijiet* u *Glorjiet Patri*, jiġifieri wieħed għal kull Stazzjon, ħamsa b'tifkira tal-ħames pjagi ta' Ġesù Kristu u l-ieħor skond il-fehma tal-Papa (3).

Jekk wieħed marid ma jkunx jiflaħ igħid dawn il-*Pater Nostrijiet*, ikun biżżejjed li jħares bil-ħniena lejn il-Kruċifiss imbierek u b'qalb sogħbiena, igħid għal darba waħda biss talba ċkejkna bħalma hi din: *Nitolbok mela, ja Mulej, sabiex tidħol għal l-qaddej tiegħek li inti fdejt b'demmek il-għażiż* (4). Mhux biss, imma wkoll min ma jistax jitlob hekk, ikun biżżejjed li, bil-ħniena u b'qalb sogħbiena, jħares jew ibus il-Kruċifiss li jiġih muri jew mogħti minn ħaddieħor (5).

(1) *S. Poenit.* 25 Mart. 1931; 20 Oct. 1931.
(2) Monit. Eccl., XL, VI 1934, p. 6.
(3) *S. Poenit.*, 14 Dec. 1917.
(4) „ 25 Mart. 1931.
(5) „ 20 Oct. 1931.

# IL-VIJA SAGRA

## ĦAJJA

Din ix-xorta ta' Vija Sagra mhix ħaġ'oħra ħlief tħejjija għall-Vija Sagra li fuqha tkellimna qabel, il-għaliex hi ħaġa sabiħa wisq u tajba li wieħed ta' sikwit iġib quddiem għajnejh il-Passjoni ħarxa ta' Ġesù Kristu li ġarrab għalina. U billi mhux kulħadd kien ikun jista' jżur u jagħmel il-Vija Sagra fejn tinsab imwaqqfa u lanqas kulħadd ma jista' jkollu l-Kruċifiss imbierek, xi erwieħ tajba kienu nġabru flimkien u għamlu *għaqdiet* ta' 14-il-ruħ bil-fehma li kull wieħed minnhom jagħmel, ta' kulljum, l-istazzjon li jmissu.

Il-Papa Ljuni XIII meta sar jaf b'din id-devozzjoni ġdida, mhux biss li laqagħha, imma faħħarha bil-bosta u ried li tinxtered qalb l-insara; għalekk, hu n-nifsu għoniha b'ħafna indulġenzi, basta imma jitħares dan li sejrin ingħidu : -

1. Kull *għaqda* jew *ġemgħa* ta' nies irid ikun fiha 14-il-ruħ u tiġi mwaqqfa f'dawk il-knejjes jew oratorji sew *publiċi* kemm *privati* jew ukoll f'dawk il-kommunitajiet li fihom tkun tinsab imwaqqfa l-Vija Sagra ;

2. Il-Ġeneral ta' l-Ordni biss għandu s-setgħa li jwaqqaf dawn il-għaqdiet kull fejn jinsabu mxerrdin il-Patrijiet tiegħu Minuri; il-Provinċjal fil-provinċja tiegħu biss u l-Gwardjani u dawk li huma minn flokhom, il-qasam tagħhom biss. Dawk l-oħrajn, imbagħad, li jaqilgħu din is-setgħa, ikunu jistgħu jwaqqfu dawn il-għaqdiet skond il-wisa' u l-qawwa tas-setgħa tagħhom.

3. Il-Ġeneral ta' l-Ordni biss jista' jqiegħed mad-dinja franġiskana d-Diretturi li jieħdu ħsieb dawn il-għaqdiet u fejn ma jkunx jista' jibgħat Direttur Patri tiegħu, ikun jista' jqabbad Qassis jew Patri ieħor li jieħu ħsieb ta' dawk l-erwieħ li jixtiequ jieħdu sehem f'għaqdiet ġodda. L-istess setgħa għandhom il-Provinċjali fil-qasam tagħhom u l-Gwardjani wkoll, miftehmin imma mal-Provinċjali tagħhom.

4. Lid-Direttur imiss li jqiegħed nies ħabrieka u kollha ħrara għalbiex isiru dejjem ixirqa ġodda u jgħarrfu bihom lid-Direttur ;

5. Għar-rebħ ta' l-Indulġenzi tal-Vija Sagra Ħajja hu meħtieġ li toqgħod *taħseb* fuq dak l-Istazzjon li jmissek u

tgħid ukoll tliet Pater Nostrijiet u Ave Marijiet u Glorjiet Patri fil-waqt li jinżamm fl-idejn Kruċifiss li ma jitkissirx u li jkun imbierek għalhekk jew mill-Ġeneral ta' l-Ordni tal-Minuri, jew mill-Provinċjal, jew mill-Gwardjani, jew ukoll mid-Direttur jew Saċerdot ieħor li jkollu din is-setgħa; kulħadd imma fil-qasam tiegħu (1).

Mela mhux meħtieġ li tmur il-knisja żżur dak l-Istazzjon li jiġik bix-xorti, imma li *taħseb* fuqu u li titlob kif għedna (2).

6. Il-miktubin f'dawn il-għaqdiet tal-Vija Sagra Hajja għandhom : —

a) *Indulġenza Plenarja* fl-ewwel jum ta' festa li jaħbat wara d-daħla fil-għaqda, basta imma, dak-in-nhar, tabilħaqq sogħbinin u mqarrin, jersqu jitqarbnu ;

b) *Indulġenza Plenarja* oħra nhar il-Milied, fl-Ewwel tas-Sena, nhar il-Ħamiem, fil-Għid il-Kbir, fit-Tlugħ ta' Kristu s-Sema, nhar il-Korpus, fil-jum ta' meta li Spirtu Santu niżel fuq l-Appostli, fit-Trinità Mqaddsa, fil-ġimgħat kollha ta' Marzu, fil-jum ta' meta nstab is-Salib u fil-jum tal-kobor u tifħir tiegħu, dak-in-nhar tal-Pjagi ta' Missierna San Franġisk u tal-mewt għażiża tiegħu ;

c) *Indulġenza Plenarja* oħra jekk kull imsieħeb, ta' kulljum u għal xahar sħieħ, jaħseb fuq dak l-Istażżjon li jkollu u fl-istess waqt, sogħbien u mqarar, jersaq jitqarben u jżur xi knisja fil-ġranet li semmejna u, hemmhekk jitlob xi ftit skond il-fehma tal-Papa ;

d) *Indulġenza Plenarja* oħra, darba fis-sena, f'jum magħżul mil l-istess miktub, jekk dan ta' kulljum, għal ma' tul is-sena, jaħseb fuq dak l-Istazzjon li jkollu u, f'dak il-jum, sogħbien, imqarar u mqarben, iżur xi knisja u jitlob skond il-fehma tal-Papa ;

e) *Indulġenza Parzjali* ta' 100 jum kull meta ssir din il-Vija Sagra fil-ġranet tax-xogħol; meta ssir fil-ġranet tal-festa u f'dawk tal-Ġimgħa l-Kbira, tintrebaħ l-Indulġenza ta' 100 jum u 100 erbgħinijiet (3).

---

(1) Ara, *Acta O.M.* XX (1901). p. 158 u *Perfice M.* 1933, p. 10.
(2) *Acta O.M.* XXI (1902), p. 53.
(3) Ara *Acta O.M.* XX (1901),p. 158 u *Perfice M.* 1933, p. 10u11.

# ŻIEDA

## I.

## IL-VIJA SAGRA

### KIF ISSIR FIL-KNEJJES TAGĦNA.

---

Kif ninsabu għar-rkuptejna quddiem Ġesù Sagramentat nadurawh u nagħmlu bil-qalb l-attijiet.

Mulejja nemmen fik, għax Inti kollok verità. Deh! agħtini fidi ħajja.

Mulejja nitma fik, għax Inti kollok ħniena. Deh! kattar it-tama tiegħi.

Mulejja nħobbok fuq kollox, għax Inti kollok imħabba. Deh! kattar l-imħabba tiegħi.

Mulejja nindem bil-qalb, għax Inti kollok tieba u ħniena. Deh! saħħaħ l-indiema tiegħi.

Mulejja qaddisli ruħi bis-sagramenti tiegħek, għaliex Inti l-istess qdusija.

Insieħbu lil Sidna Ġesù Kristu fil-vjaġġ li għamel minn għand Pilatu sal-Kalvarju mgħobbi bis-Salib u nitolbuh li jħeġġeġ il-qalb tagħna bin-nar ta' l-imħabba tiegħu u jagħtina d-dawl biex nagħarfu nimmeditaw it-tbatija u l-mewt tiegħu. Nitolbu għal l-kotra tal-Knisja Mqaddsa, għall-qerda ta' l-ereżija, għall-paċi bejn is-slaten insara, għall-konverżjoni tal-midinbin, għall-perseveranza tat-tajbin u għall-proxxmu tagħna kollu u għall-mistrieħ ta' l-erwieħ tal-Purgatorju.

## L-EWWEL STAZZJON



Nadurawk Ġesù u mberkuk għax b'salibek u l-mewt tiegħek Inti fdejtna.

Nikkonsidraw fl-ewwel Stazzjon meta Sidna Ġesù Kristu ġie ikkundannat għall-mewt bla-ħtija.

Nitolbuk Ġesù, għall-merti tad-disprezzi li għamlulek u għall-umiltà tiegħek, li ridt tirċievi s-sentenza tal-mewt tir-xoxta r-ruħ tagħna mill-mewt tad-dnub u teħlisna mill-qilla tal-ħaqq tiegħek.

*Missierna, Sliema u Glorja.*

Imbierka l-Passjoni u l-Mewt ta' Sidna Ġesù; Mulejja ħenn għalina u l-maħfra ta' dnubietna agħtina.

## IT-TIENI STAZZJON



Nadurawk Ġesù u mberkuk etc.

Nikkonsidraw fit-tieni Stazzjon meta lil Sidna Ġesù ippreżentawlu s-Salib u Ġesù, għall-imħabba li ġibilna, laqgħu bil-ferħa.

Nitolbuk Ġesù, għall-meriti ta' dan l-istazzjon, tagħtina grazzja li naċċettaw bil-ferħ l-hemm u s-slaleb li tibagħtilna, mar-rieda mqaddsa tiegħek.

*Missierna, Sliema u Glorja.*

Imbierka l-Passjoni u l-Mewt etc.

## IT-TIELET STAZZJON



Nadurawk Ġesù u mberkuk etc.

Nikkunsidraw fit-tielet Stazzjon meta Sidna Ġesù waqa' l-ewwel darba taħt is-Salib.

Nitolbuk Ġesù, għall-merti ta' l-ewwel waqgħa' tiegħek, tagħtina grazzja li qatt ma naqgħu fl-ebda dnub mejjet u linqas venjal għal-tapposta.

*Missierna, Sliema u Glorja.*

Imbierka l-Passjoni u l-Mewt etc.

## IR-RABA' STAZZJON.



Nadurawk Ġesù u mberkuk etc.

Nikkunsidraw fir-raba' Stazzjon meta Sidna Ġesù ltaqa' ma' Ommu Marija u l-Lhud b'kefrija kbira ferquhom minn xulxin.

Nitolbuk Ġesù, għal dan id-dulur, tagħtina grazzja li ġurnata niltaqgħu magħkom fil-glorja tal-Ġenna.

*Missierna, Sliema u Glorja.*

Imbierka l-Passjoni u l-Mewt etc.

## IL-ĦAMES STAZZJON.



Nadurawk Ġesù n mberkuk etc.

Nikkunsidraw fil-ħames Stazzjon meta Sidna Ġesù ġie mgħejjun minn Xmun iċ-Ċirinew jarfa' s-Salib.

Nitolbuk Ġesù għall-meriti ta' dan il-vjaġġ ta' tant tbatija, tagħtina l-għajnuna biex ingħaddu 'l quddiem fl-għemil it-tajjeb u fih inkomplu sa l-aħħar.

*Missierna, Sliema u Glorja.*

Imbierka l-Passjoni u l-Mewt etc.

## IS-SITT STAZZJON.



Nadurawk Ġesù u mberkuk etc.

Nikkunsidraw fis-sitt Stazzjon meta Sidna Ġesù ltaqa' mal-Veronka u resqet ixxuttat il-Wiċċ Imqaddes tiegħu u Ġesù ħalla x-xbieha tiegħu fil-velu tagħha għat-tifkira tagħna.

Nitolbuk Ġesù għall-merti tal-għaraq u d-demm tiegħek tistampa f'qalbna l-Passjoni u l-mewt tiegħek biex ikollna qawwa li nagħilbu lill-għedewwa kollha tagħna.

*Missierna, Sliema u Glorja.*

Imbierka l-Passjoni u l-Mewt etc.

## IS-SEBA' STAZZJON.




Nadurawk Ġesù u mberkuk etc.

Nikkunsidraw fis-seba' Stazzjon meta Sidna Ġesù waqa' t-tieni darba għal wiċċu fl-art taħt is-Salib.

Nitolbuk Ġesù għall-merti tat-tbatija li batejt taħt is-Salib, tagħtina grazzja li dejjem noħorġu rebbiħin mit-tiġrib kollu tal-ġisem, tad-dinja u tal-għadu, bħalma wegħednik fill magħmudija.

*Missierna, Sliema u Glorja.*

Imbierka l-Passjoni u l-Mewt etc.

## IT-TMIEN STAZZJON.



Nadurawk Ġesù u mberkuk etc.

Nikkunsidraw fit-tmien Stazzjon meta Sidna Ġesù ltaqa' man-nisa ta' Ġerusalemm u kif bdew jitħassruh u jibkuh, Ġesù qalilhom : Tibkux lili, ibku lilkom u lil uliedkom.

Nitolbuk Ġesù għall-merti ta' din il-moħqrija li siltet id-dmugħ, tagħtina grazzja li nibku n-nuqqas tagħna mgħoddija u għalli ġej ngħixu ħajja li biha nagħtu gost u glorja lilek.

*Missierna, Sliema u Glorja.*

Imbierka l-Passjoni u l-Mewt etc.

## ID-DISA' STAZZJON.



Nadurawk Ġesù u mberkuk etc.

Nikkunsidraw fid-disa' Stazzjon meta Sidna Ġesù waqa' t-tielet darba għal wiċċu fl-art taħt is-Salib.

Nitolbuk Ġesù għall-merti tad-debbulizza li ġarrabt taħt is-Salib, tikkonforta lilna fid-debbolizzi tagħna u tagħtina grazzja li qatt ma nżidu noftenduk.

*Missierna, Sliema u Glorja.*

Imbierka l-Passjoni u l-Mewt etc.

## L-GHAXAR STAZZJON.



Nadurawk Ġesù u mberkuk etc.

Nikkunsidraw fil-għaxar Stazzjon meta Sidna Ġesù wasal fuq il-Kalvarju u l-Lhud qabdu fih u neżżgħuh il-libsa li kienet imwaħħla mal-pjagi tal ġisem imqaddes tiegħu.

Nitolbuk Ġesù għall-merti ta' din it-tbatija, tneżżagħna mill-frugħa, mill-imħabba ħażina tagħna nfusna u tal-pjaċiri tad-dinja u tlibbisna bl-umiltà u bil-qdusija.

*Missierna, Sliema u Glorja.*

Imbierka l-Passjoni u l-Mewt etc.

## IL-HDAX-IL-STAZZJON.



Nadurawk Ġesù u mberkuk etc.

Nikkonsidraw fil-ħdax-il-Stazzjon meta Sidna Ġesù ġie msammar fuq is-salib għal dnubietna.

Nitolbuk Ġesù għall-merti ta' l-ubbidienza tiegħek tagħtina grazzja li nkunu dejjem ubbidienti f'dak kollu li huwa għall-glorja tiegħek.

*Missierna, Sliema u Glorja.*

Imbierka l-Passjoni u l-Mewt etc.

## IT-TNAX-IL-STAZZJON.



Nadurawk Ġesù u mberkuk etc.

Nikkonsidraw flt-tnax-il-Stazzjon meta Sidna Ġesù ġie mislub bejn żewġ ħallelin u wara tliet sigħat agunija, Ġesù miet għalina.

Nitolbuk Ġesù għall-merti ta' l-agunija u l-mewt tiegħek tagħtina grazzja li mmutu għad-dinja u għalina nfusna, biex inkunu kollna tiegħek u nagħmlu mewta tajba bħalma għamel il-ħalliel it-tajjeb.

*Missierna, Sliema u Glorja.*

Imbierka l-Passjoni u l-Mewt etc.

## IT-TLETTAX-IL-STAZZJON.



Nadurawk Ġesù u mberkuk etc.

Nikkunsidraw fit-tlettax-il-Stazzjon meta Sidna Ġesù niżżluh mis-Salib u ħaduh fil-ħdan ta' Ommu Marija.

Nitolbuk Marija Santissma għall-merti tad-duluri tiegħek titlob għalina u taqalgħalna sogħba u ndiema perfetta ta' dnubietna u l-perseveranza sal-aħħar fil-grazzja ta' ibnek Ġesù.

*Missierna, Sliema u Glorja.*

Imbierka l-Passjoni u l-Mewt etc.

## L-ERBATAX-IL-STAZZJON.



Nadurawk Ġesù u mberkuk etc.

Nikkunsidraw fl-erbatax-il-Stazzjon meta 'l Sidna Ġesù ħaduh mill-ħdan ta' Ommu Marija u difnuh f'qabar ġdid.

Nitolbuk Ġesù għall-merti tal-mewt u d-difna tiegħek tagħtina grazzja li nġeddu ħajja ġdida b'qalb safja u sinċiera u li sikwit nirċevuk Sagramentat fs-sider tagħna biex ruħna dejjem tgħix fil-grazzja tiegħek.

*Missierna, Sliema u Glorja.*

Imbierka l-Passjoni u l-Mewt etc.

# TALBA

Niżżuħajr 'l Alla bil-qalb kollha minn kemm grazzji u ġid għamlilna ma' tul ħajjitna u li għamilna din il-Vija Sagra għall-glorja tiegħu.

Nitolbuk Ġesù għall-merti tal-Passjoni u l-mewt tiegħek tagħtina grazzja li dejjem ingħinu rwieħna biex nikkonvertu sewwa.

---

Ħames *Pater Nostrijiet* u *Ave Marijiet* u *Glorjiet Patri* f'ġieħ il-ħames pjagi ta' Sidna Ġesù.

*Pater Noster* ieħor skond il-fehma tal-Papa biex nirbħu l-Indulġenzi.

*Salve Regina* f'ġieħ id-duluri ta' Sidtna Marija.

II

# L-ITTRA

**li għandek tikteb sabiex taqla' s-setgħa li twaqqaf il-Vija Sagra u tbierek il-Kruċifissi.**

---

Fuq l-ittra, barra.

A SUA EMINENZA REVERENDISSIMA
IL SIGNOR CARDINALE PENITENZIERE MAGGIORE
CITTA' DEL VATICANO—ITALIA.

Ġewwa l-ittra. a) Sabiex twaqqaf il-Vija Sagra.

*Beatissime Pater,*

*N.N.* (1)........................................................................................
*ad pedes Sanctitatis Vestræ provolutus, humiliter petit facultatem sacras Viæ Crucis stationes benedicendi et erigendi eisque applicandi omnes Indulgentias quæ applicari solent.*

*Et Deus etc.*

b) Sabiex tbierek il-Kruċifissi tal-Vija Sagra.

*Beatissime Pater,*

*N.N.* (1)........................................................................................
*ad pedes Sanctitatis Vestræ provolutus, humillime petit facultatem benedicendi crucifixos ad lucrandas sacræ Viæ Crucis Indulgentias pro legitime impeditis a visitandis eiusdem Viæ Crucis stationibus ad normam Sanctæ Sedis ad rem concessionum.*

*Et Deus etc.*

---

(1) Hawn jaħtieġ li min jikteb, jekk ikun *Qassis*, igħid ta' liema *Dioċesi* jkun; jekk *Patri*, għandu jsemmi ta' liema *Ordni* jew *Kongregazzjoni* jkun.

# WERREJ


Dedika .... .... .... .... .... .... paġ. 3
Kelmtejn ta' qabel .... .... .... .... „ 5
Il-Vija Sagra .... .... .... .... .... „ 7
Il-Vija Sagra, bil-Kruċifiss imbierek .... .... „ 16
Il-Vija Sagra Ħajja .... .... .... .... „ 19
Żieda: I-Il-Vija Sagra, kif issir fil-knejjes tagħna „ 21
II-L-ittra li għandek tikteb biex taqla' s-setgħa li twaqqaf il-Vija Sagra u tbierek il-Kruċifissi „ 30

# L-OPRA GĦAŻIŻA TAL-QABAR TA' KRISTU.

Mhuwiex barra minn loku li nġibu din id-daqxejn ta' żieda oħra li titkellem fuq l-isbaħ *Opra*, hekk imsejħa, *tal-Qabar ta' Kristu*, jew *tat-Terra Santa*, li hi dik l-art li fuqha Ġesù ġarr fuq spallejh il-għuda ħarxa tas-Salib u li fuqu, imbagħad, ċarċar demmu għall-fidwa tagħna.

Il-Patrijiet Minuri (ta' Ġieżu) ilhom hemm igħassu u jħarsu lil dawk il-postijiet imqaddsa ma' dwar 700 sena. Dawn il-Patrijiet iridu jieħdu ħsieb ta' 70 *Santwarju*, 69 Kunvent, 49 Parroċċa, 2 Kulleġġi għat-tfal u għaż-żgħażagħ, 6 Seminarji, 6 Spiżeriji, 10 Skejjel tas-Snajja', 69 Skola għat-tfal żgħar, 2 Djar għat-tfal iltiema, 9 Djar oħra jew Lukandi, fejn jilqgħu, bla ħlas, lil min iżur l-Art Imqaddsa. Minn fuq iridu jaħsbu wkoll għall-ikel, ilbies u kera ta' ħafna familji nsara li jinsabu fil-belt ta' Ġerusalemm u f'xi bliet oħra.

U kif ilaħħqu għal dan kollu? Il-ħniena t'Alla l-ewwel trid tkun għalihom; imma mbagħad ukoll il-ħniena u l-qalb tajba ta' ħafna nsara li, minn kull naħa tad-dinja, igħinuhom bi flushom. Dawn il-flus jinġabru mill-Patrijiet ta' Ġieżu u ta' kull sena jintbgħatu fl-Art Imqaddsa.

Minn dan wieħed imissu jara kemm ġid jagħmel b'dik ix-xi-ħaġa li jagħti għall-Qabar ta' Kristu u, imbarra li Alla jkun jafhulu fis-Sema, ikollu ukoll sehem minn dak it-talb u quddies li jsir fl-Art Imqaddsa. Dan il-quddies ilaħħaq ma' dwar 25,000 fis-sena.

Dawk l-oħrajn imbagħad li jinkitbu fl-*Opra għażiża tal-Qabar ta' Kristu* u jħallsu xi ħaġa, jirbħu wkoll l-*Indulġenza plenarja* nhar il-Milied, fl-Għid il-Kbir u waqt il-mewt; u dawk li jħabirku għat-tixrid ta' din l-*Opra* għażiża jirbħu wkoll żewġ Indulġenzi oħra : fl-ewwel tas-sena u nhar S. Marija. Il-koll kemm huma imbagħad, jirbħu *Indulġenza parzjali* ta' 7 snin u 7 erbgħinijiet kull nhar ta' Ġimgħa, basta jgħidu bil-qalb 5 *Patcr Nostrijiet u Ave Marijet u Glorja Pater* f'ġieħ il-ħames pjagi ta' Kristu.

Min irid jinkiteb f'din l-Opra għażiża u sabiħa jista' jagħti ismu lill-wisq ħabrieki Patri Kummissarju, P. FONS M. ATTARD O.F.M. li joqgħod fil-Kunvent tal-Belt, ta' Ġieżu, fil-waqt li jħallas xi ħaġa tal-flus fil-ġimgħa, fix-xahar jew fis-sena skond ma jkun irid jew jista'.

## KOTBA TA' L-ISTESS AWTUR.

---

1. Trid tkun taf kif għandek issum fir-randan u fil-ġranet l-oħra tas-sena ? Ixtri l-ktieb: IL-LIGI TAS-SAWM U TA' L-ASTINENZA. Fih 100 paġna u jiswa' -/6.

2. Trid tkun taf kif għandek trabbi 'l-uliedek fil-biża' t'Alla ? Ixtri : WARD JEW XEWK. Fih fuq il-200 paġna u jiswa' 1/-.

*Tagħrifa.* Dawn il-kotba jinsabu f'ħafna librerji u fil-Kunvent ta' Ġieżu, il-Belt.